MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 929/2005

**MALTACOM p.l.c (C22334)**

**vs**

**TA' XBIEX LAPINS LTD. (C3122) u WININVEST LTD. (C3127)**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Ottubru, 2005, bil-proċedura sommarja speċjali li biha s-soċjeta' attriċi talbet;

Illi skond id-dokumenti relattivi hawn annessi u markati "Dok A, B, C, E, F, G, H, u I" kif ukoll skond ir-regolamenti viġenti li jirregolaw l-użu tas-servizzi mogħtija mis-Soċjeta' Maltacom p.l.c., is-Soċjetajiet konvenuti għandhom jagħtu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmintax-il elf, ħames mitt Lira Maltija u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm18,500.43) in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon relattivi għal-linji bin-

numri tnejn, wieħed, tlieta, wieħed, sebgħa, erbgħa, xejn, tmienja (21317408), tnejn, wieħed, tlieta, erbgħa, tnejn, ħamsa, ħamsa, xejn, (21342550), tnejn, wieħed, tlieta, erbgħa, tnejn, ħamsa, ħamsa, wieħed, (21342551), tnejn, wieħed, tlieta, erbgħa, tnejn, ħamsa, ħamsa, disgħa (21342559), tnejn, wieħed, tlieta, erbgħa, tnejn, ħamsa, ħamsa, disgħa, (21342559), tnejn, wieħed, tlieta, erbgħa, tlieta, disgħa, xejn, tnejn, (21343902), u tnejn, wieħed, tlieta, erbgħa, ħamsa, xejn, disgħa, tlieta, (21345093), skond il-prospett hawn anness u markat bħala "Dok A";

Illi s-Soċjetajiet konvenuti nterpellati biex iħallsu baqgħu nadempjenti;

Illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u eżiġibbli;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddeċiedi l-kawża skond it-talba tas-soċjeta' attriċi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-Soċjetajiet konvenuti jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmintax-il elf ħames mitt Lira Maltija u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm18,500.43);

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi preżentat u maħluf flimkien ma' din iċ-ċitazzjoni u bl-imgħaxijiet mill-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni, kontra s-soċjetajiet konvenuti, li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-lum minn Norbert Fenech f'isem iż-żewġ soċjetajiet konvenuti li biha ammetta it-talbiet kif dedotti fiċ-ċitazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-lum mir-rappreżentant tal-kumpannija attriċi dwar l-eżekuzzjoni tat-titolu mnissel bl-għoti tas-sentenza f'din il-kawża;

Billi mill-ammissjoni tas-soċjetajiet konvenuti, it-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni jirriżultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tas-soċjetajiet konvenuti tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni u a tenur tad-dikjarazzjonijiet rilevanti magħmulin waqt is-smigħ bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mill-5 ta' Ottubru, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv, kontra l-istess soċjetajiet konvenuti flimkien u solidalment bejniethom.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------